MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 186/2008

**AB**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tmenin u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal cioe’ Christopher ta’ tnejn u ghoxrin sena, Daniel ta’ dsatax-il sena u Ryan ta’ sbatax-il sena;

Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin fl-erbgha (4) ta’ Lulju 2007;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null billi l-kunsens kien ivvizzat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-

hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha b' simulazzjoni u anke minhabba biza' reverenzjali kif ukoll il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara illi z-zwieg iccelebrat fl-1 ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin bejn il-partijiet huwa null u bla effett skond il-Ligi u dan skond wiehed u/jew s-sub artikli indikati tal-Artiklu 19(1)(a), (c), (d), (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta, wara li eccepiet li ma jezistux l-estremi legali sabiex iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi, cahdet bhala nveritier dak allegat fil-konfront taghha minn naha ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-1 ta' Dicembru 1985 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][c][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tikkontesta t-talba in linea preliminari, u in linea sekondarja, fil-kaz li t-talba attrici tintlaqa', qed tikkontesta l-htija tan-nullita' da parti taghha.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Dicembru 1985 meta, allura, l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 24 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sena, u meta l-konvenuta kellha circa tlett xhur tqala.

Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal: Christopher fit-12 ta' Mejju 1986, Daniel fit-28 ta' Gunju 1989 u Ryan fl-4 ta' Jannar 1991.

Wara konvivenza matrimonjali ta' wiehed u ghoxrin [21] sena, il-partijiet isseparaw de facto meta l-konvenuta telqet mid-dar konjugali;  u fl-4 ta' Lulju 2007 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

L-attur jallega li l-konvenuta telqet ghax sabet sieheb iehor; filwaqt li l-konvenuta tallega li l-attur ghandu siehba u ghandu tarbija minnha, u li din, skond hi, hi l-vera raguni tal-proceduri odjerni.

*Verzjoni Attur*
L-attur jghid li meta beda jinnamra mal-konvenuta huwa ma kellhux esperjenza ma' nisa ohra, u wara erba' xhur li bdew johrogu flimkien, il-konvenuta sfat tqila.  Jghid li din kellha hafna pressjoni sabiex tizzewweg, u din eventwalment cediet ghall-pressjoni li kienet ghamlitilha ommha.  Jghid li hu ma kienx jaf lill-konvenuta sewwa, u ma kienx ippreparat ghal hajja mizzewga. Fuq mistoqsija jghid "Nahseb b' rispett tal-familja tieghi; jiena ridt nizzewweg ghax il-familja tieghi kont nirrispettaha."[1]

Il-konvivenza matrimonjali kienet hazina mill-bidu nett, u huwa kien infelici tul il-hajja matrimonjali, tant li r-relazzjonijiet intimi kienu saru "haga ta' rutina u mhux xi haga ta' imhabba"[2].  u l-att taz-zwieg kien isir "bit-tqanzih, imma."[3]

[1] Fol.42
[2] Fol.12
[3] Fol.39

Jghid ukoll li kien hemm hafna ndhil da parti ta’ omm il-konvenuta li “anke meta naghmlu s-sess kienet tikkmanda wkoll.”[4]

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta, filwaqt li tikkonferma l-fatt li meta saret taf li hi kienet harget tqila huma kienu hadu xokk, izda tichad kategorikament li zzewget lill-attur minnhabba pressjoni kbira ta’ parti ta’ ommha. Tghid li ommha kienet qaltilha li kienet lesta trabbi t-tarbija hi, u talbet lil bintha sabiex tahsibha sew, izda l-konvenuta, li dak iz-zmien kellha 24 sena, iddecidiet li tizzewweg, ghalkemm kontra l-parir ta’ ommha. Hija tichad li zzewget kontra l-volonta’ taghha.

Tispjega li kienu ltaqghu fis-26 ta’ Jannar 1985, u wara sitt xhur, harget tqila mill-attur. Meta ddecidew li jizzewgu, il-familja tieghu offrewlhom li jmorru joqghodu f’ terran li kien bieb ma’ bieb maghhom u li kien jinfed mad-dar taghhom. Tghid li kellhom “tieg ta’ vera, sabih jigifieri, kulhadd kien ferhan.”[5] Tghid li l-familja ta’ l-attur “kienu jadruawni ta’ vera, vera kienu jhobbuni, u ghadhom s’ issa.”[6]

Tghid pero’ li matul il-konvivenza matrimonjali hija kienet issaportiet hafna, peress li l-attur, allura zewgha kien “pussessiv hafna, dejjem issottomettejt ruhi ghal li jghid hu …Jigifieri bhala relazzjoni bejnietna dejjem, ghax jien ridt li z-zwieg jahdem, assolutament.”[7] Barra minnhekk zewgha kien jghajjarha bil-familja taghha, u b’ ommha, u flus bil-kemm kien jaghtiha; izda xi tlett snin qabel is-separazzjoni, hi kienet bdiet tirribella ghal li jghid l-attur bir-rizultat li dan kien beda jerfa’ idejh fuqha, u kien ghalhekk li, “hrabt mid-dar.”[8]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi qabel xejn din il-Qorti tikkunsidera l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta aktar verosimili minn dik moghtija mill-attur.

[4] Fol.46
[5] Fol.67
[6] Fol.65
[7] Fol.67
[8] Fol.70

Illi rigward il-kawzalijiet, il-Qorti tosserva li l-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafi [a] [c] u [f], manifestament ma jirrizultawx. Jinghad biss li, ma kien hemm ebda biza' fid-decizjoni tal-partijiet li jizzewgu, ma kien hemm ebda qerq da parti ta' xi parti, u wisq anqas kien hemm xi esklussjoni b' att pozittiv ta' xi obbligu essenzjali ghaz-zwieg.

Illi rigward il-kawzali bazata fuq id-dispost ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena biss qabel iz-zwieg, ma jirrizultax li kien hemm xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti taghhom it-tnejn, jew ta' xi wiehed minnhom, dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali.

Ma giex provat li l-partijiet ma fehemux jew ma kellhomx certu dixxerniment ta' l-import tal-hajja konjugali, u cioe' li kellhom jghixu f' unjoni, esklussiva u permanenti diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal, b' mod li setghu jifformaw komunjoni ta' hajja u ta' mhabba. Anzi l-provi juru l-kuntrarju; fil-fatt, il-partijiet, li fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali kellhom etajiet li normalment jippermettu certu grad ta' maturita', ikkonvivew fil-hajja konjugali ghal numru ta' snin, u li matulha huma kellhom tlett itfal spazjati bi zmien.

Illi l-fatt li minhabba l-karattru dominanti ta' l-attur, il-konvenuta ma kinitx daqshekk kuntenta fiz-zwieg, tant li eventwalment kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali, dan il-fatt, ghalkemm jikkostitwixxi bazi legali ghas-separazzjoni personali, ma jikkostitwix per se raguni tajba ghall-annullament taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ma ssibx sostenn fil-provi, u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------